MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 100/2009

**Andre Magro (I.D. 298523M), Carmel Magro (I.D. 190948M),
Mario Magro (I.D. 341052M), John Magro (I.D. 78354M)
u
Paul Magro (I.D. 163258M) ezercenti n-negozju Firm Michael Magro**

**Vs**

**Nazzareno Bonnici**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma t’elfejn u disa’ mitt euro u seba’ centezmi (€2,900.07) rapprezentanti ammont dovut ghall-merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut. Bl-ispejjez tal-prezent, ta’ l-ittri legali ta’ l-1 ta’ April 2008 u tat-22 ta’ Settembru 2008 u bl-imghax legali dekorribli mill-5 ta’ Marzu 2003 (id-data ta’ l-ahhar konsenja) sal-effettiv pagament.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil l-Avukat Dottor Anthony Cutajar li kkonferma li l-ammont ta' €2,900.07 mitlub b'dawn il-proceduri ghadu dovut u li d-data ta' l-ahhar konsenja lill-konvenut hija l-5 ta' Marzu, 2003.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma t'elfejn u disa' mitt euro u seba' centezmi (€2,900.07), bl-imghax dekoribbli mill-5 ta' Marzu 2003 (id-data ta' l-ahhar konsenja) sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri legali datati l-1 ta' April 2008 u tat-22 ta' Settembru 2008, huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------